MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2014

Rikors Ta Revoka Numru. 213/2014

**Josephine Cuschieri**

**(K.I. Numru 295852 M)**

**vs**

**Alfred Cuschieri**

**(K.I. 803753 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-30 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti Alfred Cuschieri sintetikament espona is-segwenti:

1.1. Illi l-intimata odjerna Josephine Cuschieri otteniet sekwestru kontra r-rikorrenti odjern Alfred Cuschieri ghas-somma ta' mitejn u hamsin elf Ewro, (€250,000.00), in kawtela tas-sehem taghha mill-komunjoni tal-akkwisti;

1.2. Illi l-imsemmi mandat qatt ma gie notifikat lis-sekwestrat – ir-rikorrenti odjern;

1.3. Illi r-rikorrenti odjern sar jaf bl-esiztenza tal-istess meta ma setghax jigbed xi flus mill-bank ta' fiducja tieghu;

1.4. Illi *di piu`*, sekwestru ma jistghax jinhareg fuq salarju hlief fuq l-ammont li jeccedi is-sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€698.81), u dan, *ai termini* ta' l-artiklu 381 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.5. Illi s-sekwestru in dizamina hu intempestiv, frivolu, vessatorju u inhareg b'malizja, stante li l-kontendenti ghadhom fi stat inizjali ta' separazzjoni u ghadhom lanqas issottomettew ruhhom ghal seduta wahda ta' medjazzjoni;

1.6. Illi r-rikorrenti odjern jiddikjara li dejjem kien dispost li jaqsam il-kommunjoni ta' l-akkwisti ma l-intimata;

1.7. Illi l-ammont sekwestrat mhux gustifikat;

1.8. Illi ghalhekk jitlob lil din il-qorti biex:

1.8.1. Tirrevoka u tannulla l-mandat ta' sekwestru *de quo*;

1.8.2. Tikkundanna lis-sekwestranta thallas penali skont il-ligi;

1.8.3 F'kaz li l-ewwel zewg (2) talbiet ma jintlaqghux, tirrevoka dik il-parti tal-mandat fejn giet indikata s-socjeta` *Nylon Knitting Limited*;

1.8.4. Salv kull provediment iehor;

1.8.5. Bl-ispejjez kontra l-intimata Cuschieri;

2. Rat ir-risposta datata t-13 t'Ottubru, 2014, li permezz taghha l-intimata Cuschieri esponiet sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma ghal kollox infondati;

2.2. Illi l-kontendenti kien ilhom mizzewgin ghal aktar min hamsa u tletin (35) sena;

2.3. Illi tul dan iz-zmien kollu r-rikorrenti dejjem zamm il-kontijiet bankarji u l-investimenti tieghu mistura mill-intimata;

2.4. Illi stante li l-intimata ma tafx taqra, ir-rikorrenti dejjem abuza min dan il-fatt;

2.5. Illi rigward in-*Nylon Knitting Limited*, ir-rikorrenti ghandu introjtu regolari mill-istess socjeta`;

2.6. Illi r-rikorrenti mhux jghaddi manteniment lill-intimata;

2.7. Illi l-intimata lanqas ghandha biex tiekol;

3. Rat id-dokumenti esebiti;

4. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

5. Illi jigi immedjatament ribadit li hafna mir-risposta in dizamina fuq riferita tistraripa l-limiti tal-azzjoni odjerna li hi arginata mill-limiti tal-mandat ta' sekwestru *ai termini* tal-artiklu 836 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi minn analisi tas-suespost, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

6.1. Illi wara hamsa u tletin (35) sena zwieg, il-kontendenti sabu ruhhom fid-dinja infamiljari ta' separazzjoni;

6.2. Illi in tutela tad-drittijiet taghha l-intimata odjerna ipprocediet billi intavolat dawk l-atti lilha koncessa mill-ligi;

6.3. Illi fl-agir tieghu fir-rigward, ir-rikorrenti odjern jidher li nixxef kull introjtu lill-intimata li ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi kif fil-fatt ghamlet;

Ikkunsidrat:

7. Illi konsegwenza tal-istess, jirrizulta li ipekkat fir-rigward tal-artiklu 381 (1) (a) tal-fuq imsemmi Kap 12 li *ai termini* ta’ l-istess, ma jistghux jinhargu mandati ta’ sekwestru fuq salarju jew paga (maghdudin il-*bonus*, *allowances*, *overtime* u hlasijiet ohra);

8. Illi skont l-artiklu 382 tal-istess Kap indikat fil-paragrafu precedenti, l-ammont ta’ sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu, (€698.81), ma jkunux sekwestrabbli;

Ikkunsidrat:

9. Illi ghalhekk minn ezami tal-fatti kif esposti mill-kontendenti jirrizulta assodat li jezistu ragunijiet bizzejjed biex is-sekwestru in dizamina jibqa` in vigore in kawtela tad-drittijiet tas-sekwestrati pero`, bl-eccezzjoni segwenti;

10. Illi *a tenur* tal-artiklu 381 u 382 fuq citati, is-salarju jew paga tas-sekwestrat ghandhom ikunu tutelati;

11. Illi, konsegwentement, tali limitazzjoni qed tigi imposta fuq is-sekwestru in dizamina biex b’hekk jigi salvagwardat il-precett sancit mill-istess artikli fuq citati;

Ikkunsidrat:

12. Illi in vista tat-talba rigwardanti is-socjeta` *Nylon Knitting Limited*, jinghad li dan mhux il-kaz, ghalkemm ovvjament bil-limitazzjoni salarjali fuq riferita, jekk ikun il-kaz;

**DECIDE:**

13. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, din il-qorti tirrespingi t-talbiet tar-rikorrenti;

14. Illi *ai termini* tal-artiklu 381 u 382 tal-Kap 12 fuq citat, tikkonvalida s-sekwestru *de quo* bl-eccezzjoni tal-limitu finanzjarju indikat fl-istess artiklu 382 fuq citat;

15. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------